**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 31 ta' Marzu 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Brian Aber**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: BRIAN ABER ta' disgħa u erbgħin (49) sena bin Francis Savour Aber u Rita Aber nee' Mamo mwieled nhar l-01 t'Ottubru 1976 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa fond numru 152, 'Leyland', Triq Ħal Kirkop, Mqabba u detentur tal-karta tal-Identita' 0517976M.**

**Akkuzat talli:** ***nhar il-Ħadd 30 ta' Marzu 2025 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa r-residenza fond bl-isem 'Savrit', Triq il-Pluvieri, ż-Żurrieq u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin:***

1. *Ikkaġuna lis-missieru Francis Savour Aber biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tiegħu, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-sieħba*

*preżenti jew ta' qabel minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt kif wkoll l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitt ta' natura simili u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H(a)(f)(i), 251HA tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Fracis Savour Aber f'periklu ċar, voluntarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq missieru, l-istess Francis Savour Aber hekk kif ġiet iċċertifikatha mit-tabib Dr Med Thomas Degiorgio M.D bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 4112 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid u dan meta d-delitt sar fuq il-persuna ta' il-konjugi attwali jew eks konjugi, sieħba f'unjoni ċivili, jew koabitant, , kif wkoll meta d-delitt sar fuq missieru Francis Savour Aber li hu axxendent kif wkoll meta d-delitt sar fuq missieru Francis Savour Micallef li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat u dan bi ksur tal-Artiklu 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(i)(iii)(v) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi mingħajr ma dorob jew sawwatt, hedded bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi kontra n-nies u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

4. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi għamilt lil Francis Savour Aber inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

5. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi voluntarjament,ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ċioe' vettira bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF-509 tal-għamla Peugeot li tappartjeni lil Franġisku Żammit u dan meta l-ammont tal-ħsara ma skorriex elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda kien iżjed minn mitejn u ħames mitt ewro (€250) u dan bi ksur tal-Artiklu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. *Ikkommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' 'Probation' b'sentenza deciza nhar il-31 ta' Marzu 2023 mill-Magistrat Dr Lara Lanfranco LL.D dan bi ksur tal-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u/jew 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kull artikolu ieħor tal-liġi li jordna li jitħallas kumpens jew li ssir restituzzjoni lill-parti leża jew partijiet leżi.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Brian Aber għal benefiċċju ta' Francis Savour Micallef u l-familjari tiegħu u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija, jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodici kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba illi flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, il-Qorti hi ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsiriha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundana lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-*current incident report* (Dok CC ), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jigi trattat bi proċedura sommarja (Dok CC 2) u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerġa jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn il-Prosekuzzjoni tenniet illi mhux qed tinsisti għall-piena karċerajrja effettiva iżda għall-sentenza sospiża fil-massimu u dana billi l-imputat ikkoopera mal-pulizija u kif ukoll minħabba l-ammissjoni bikrija tiegħu. Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll li jkun hemm ordni ta' trazzin. Id-difiza tissottometti illi hija taqbel mal-piena suġġerita inkluż li jkun hemm ordni ta' trazzin.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi sabiex tiġi kkalibrata l-piena li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tiegħu, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi tal-każ kif jemerġu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom tallum.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 2513, 251H(a)(f)(i), 251HA, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h)(i)(iii)(v), 325(1)(b), 339(1)(b)(e), 412Ċ, 382A u 383 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **BRIAN ABER** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal perijodu ta' sentejn (2) priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal perijodu ta' erba' snin (4) millum**. **Inoltre l-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tieghu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Francis Saviour Aber liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati **BRIAN ABER** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem l-imputat u d-dettalji tal-każ fil-mezzi kollha tax-xandir.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**31 ta' Marzu 2025**